DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Diċembru 2011

li temenda d-Deċiżjoni 2010/221/UE fir-rigward ta' miżuri nazzjonali għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni ta' ċertu mard fl-annimali akkwatiċi f'partijiet tal-Irlanda, il-Finlandja u l-Isvezja

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 9002)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/825/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE tal-15 ta' April 2010 li tapprova miżuri nazzjonali biex jiġi limitat l-impatt ta' ċertu mard fl-annimali tal-akkwakultura u annimali akkwatiċi selvaġġi b'konformità mal-Artikolu 43 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE [2], tippermetti li ċerti Stati Membri japplikaw restrizzjonijiet fuq konsenji ta' dawk l-annimali sabiex jevitaw l-introduzzjoni ta' ċertu mard fit-territorju tagħhom, sakemm l-Istati Membri jkunu wrew li t-territorju tagħhom, jew ċerti żoni demarkati tat-territorju tagħhom, huma ħeilsa minn mard bħal dan jew li jkunu stabbilixxew programm tal-eradikazzjoni jew sorveljanza biex ikun hemm ħelsien minn dan il-mard.

(2) Il-partijiet kontinentali tat-territorji tal-Finlandja u l-Isvezja huma elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/221/UE bħala territorji bi programm approvat ta' eradikazzjoni fir-rigward ta' mard batteriku tal-kliewi (BKD).

(3) Il-partijiet kostali tat-territorji tal-Isvezja huma elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/221/UE bħala territorji bi programm approvat ta' eradikazzjoni fir-rigward tal-Vajrus Infettiv tan-Nekrożi Pankreatika (IPN).

(4) B'dan il-mod, id-Deċiżjoni 2010/221/UE tapprova ċerti miżuri nazzjonali mill-Finlandja u l-Isvezja fuq konsenji ta' annimali akkwatiċi ta' speċi suxxettibbli f'dawk iż-żoni. Madanakollu, biex ikun hemm lok għal evalwazzjoni mill-ġdid tal-konvenjenza ta' dawk il-miżuri nazzjonali, l-awtorizzazzjoni biex ikunu applikati dawk il-miżuri hi limitata fiż-żmien sal-31 ta' Diċembru 2011.

(5) Il-Finlandja ssottomettiet rapporti lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament tal-programm nazzjonali tagħha tal-eradikazzjoni għall-BKD, u fihom issemmi li s'issal-eradikazzjoni tal-BKD ma kinitx suċċess. Filwaqt li sar progress f'bosta żoni, uħud miż-żoni xorta għadhom infettati bil-BKD. Għalhekk il-Finlandja talbet li d-demarkazzjoni ġeografika tal-programm tkun limitata għal żewġ żoni kontinwi li jkopru 19-il żona tal-ġbir tal-ilma. F'dawk iż-żewġ żoni, erba' rziezet biss huma taħt restrizzjonijiet relatati mal-BKD u kollha kemm huma għaddejjin bil-proċess tal-qerda tal-ħut infettat, u tat-tindif u d-diżinfettazzjoni tal-faċilitajiet.

(6) L-Isvezja ssottomettiet rapport lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament tal-programmi nazzjonali tal-eradikazzjoni tal-BKD u l-IPN. In-numru ta' każijiet rapportati tnaqqas b'mod sinifikanti u ż-żewġ mardiet waslu biex jinqerdu miż-żoni tal-programm. Il-partijiet kontinentali tal-Isvezja huma diġà ħielsa mill-IPN u għalhekk il-programm nazzjonali tal-eradikazzjoni fl-ilmijiet kostali jaħdem ukoll bħala lqugħ li jipproteġi ż-żoni li diġà kienu ddikjarati ħielsa.

(7) Abbażi tal-informazzjoni provduta mill-Finlandja u l-Isvezja, hu xieraq li dawk il-miżuri nazzjonali jissokktaw. Madanakollu, peress li s'issal-eradikazzjoni għadha ma nkisbitx minkejja li l-programm nazzjonali tal-eradikazzjoni ilu jiġi applikat is-snin, il-konvenjenza u l-ħtieġa tal-miżuri nazzjonali jeħtiġilhom jiġu evalwati mill-ġdid fiż-żmien opportun.Għalhekk, l-awtorizzazzjoni biex ikunu applikati dawk il-miżuri nazzjonali għandha tkun limitata għal sentejn oħra sal-31 ta' Diċembru 2013.

(8) Bħalissal-Anness III għad-Deċiżjoni 2010/221/UE jelenka disa' kompartamenti fit-territorji tal-Irlanda bi programm approvat ta' sorveljanza fir-rigward tal-ostreid herpesvirus 1 µvar (OsHV-1 µvar).

(9) L-Irlanda nnotifikat lill-Kummissjoni dwar l-iskoperta tal-OsHV-1 µvar fi tnejn minn dawk il-kompartamenti, jiġifieri fil-Bajja ta' Gweendore fi ħdan il-kompartament 1 u fil-Bajja ta' Ballinakill fi ħdan il-kompartament 4. Konsegwentement, id-demarkazzjoni ġeografika ta' dawk iż-żewġ kompartamenti fl-Anness III għad-Deċiżjoni 2010/221/UE għandha tkun emendata.

[1] ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.
[2] ĠU L 98, 20.4.2010, p. 7.

(10) Id-Deċiżjoni 2010/221/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/221/UE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3(2) id-data "il-31 ta' Diċembru 2011" għandha tinbidel bid-data "il-31 ta' Diċembru 2013".

(2) L-Annessi II u III għandhom jinbidlu bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kummissjoni
John DALLI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS II

L-Istati Membri u partijiet minnhom bi programmi tal-eradikazzjoni fir-rigward ta' ċertu mard fl-annimali tal-akkwakultura, u li huma approvati sabiex jieħdu miżuri nazzjonali għall-kontroll ta' dak il-mard skont l-Artikolu 43(2) tad-Direttiva 2006/88/KE

oil-Marda	Stat Membru	Kodiċi	Id-demarkazzjoni ġeografika taż-żona b'miżuri nazzjonali approvati
il-Mard batteriku tal-kliewi (BKD)	il-Finlandja	FI	Iż-żoni tal-ġbir tal-ilma li ġejjin: Kymijoki, Juustilanjoki, Hounijoki, Tervajoki, Vilajoki, Urpalanjoki, Vaalimaanjoki, Virojoki, Vehkajoki, Summajoki, Vuoksi, Jänisjoki, Kiteenjoki-Tohmajoki, Hiitolanjoki, Tenojoki, Näätämöjoki, Uutuanjoki, Paatsjoki, Tuulomajoki.
	l-Isvezja	SE	Il-partijiet kontinentali tat-territorju
il-Vajrus Infettiv tan-Nekrożi Pankreatika (IPN)	l-Isvezja	SE	Il-partijiet kostali tat-territorju

ANNESS III

L-Istati Membri u żoni bi programmi ta' sorveljanza fir-rigward tal-ostreid herpesvirus 1 μvar (OsHV-1 μvar), u li huma approvati sabiex jieħdu miżuri nazzjonali biex jikkontrollaw din il-marda skont l-Artikolu 43(2) tad-Direttiva 2006/88/KE

il-Marda	Stat Membru	Kodiċi	Id-demarkazzjoni ġeografika taż-żoni b'miżuri nazzjonali approvati (Stati Membri, żoni u kompartamenti)
l-Ostreid herpesvirus 1 μvar (OsHV-1 μvar)	l-Irlanda	IE	Kompartament 1: il-Bajja ta' Sheephaven. Kompartament 2: il-Bajja ta' Gweebara. Kompartament 3: il-Bajjiet ta' Drumcliff, Killala, Broadhaven u Blacksod. Kompartament 4: il-Bajja ta' Streamstown. Kompartament 5: il-Bajjiet ta' Bertraghboy u Galway. Kompartament 6: ix-Shannon Estuary u l-Bajjiet ta' Poulnasharry, Askeaton u Ballylongford. Kompartament 7: il-Bajja ta' Kenmare. Kompartament 8: il-Bajja ta' Dunmanus. Kompartament 9: il-Bajjiet ta' Kinsale u Oysterhaven.
	ir-Renju Unit	UK	It-territorju tal-Gran Brittanja ħlief il-Bajja ta' Whitstable f'Kent. It-territorju tal-Irlanda ta' Fuq, ħlief il-Bajjiet ta' Killough, Lough Foyle u Carlingford Lough. It-territorju ta' Guernsey."